Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 08/2023

**Il-Ħamis 22 ta' Ġunju, 2023**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier ***(telaq fil-17:40)***

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

08.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

## 08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 07/K8/2023.

08.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 07/K8/2023 kif ippreżentati.

08.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/3706/23/I** Email mingħand ir-Reġjun Lvant jistaqsu lill-Kunsill għall-lista ta' proposti konnessa mal-attivitajiet sportivi li jridu jinżammu taħt it-titlu - Reġjun Ewropew tal-Isport 2023.

**46/4142/23/I** Proposta mingħand il-Pembroke Athleta Football Nursery b'attivitajiet sportivi konnessa mar-Reġjun Ewropew tal-Isport 2023.

**46/4176/23/I** Proposta mingħand il-Pembroke Karate Club b'attivitajiet sportivi konnessa mar-Reġjun Ewropew tal-Isport 2023.

**46/4196/23/I** Proposta mingħand il-Pembroke Athletics b'attivitajiet sportivi konnessa mar-Reġjun Ewropew tal-Isport 2023.

08.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3706/23/I, 46/4142/23/I, 46/4176/23/I u 46/4196/23/I.**

08.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li aktar kmieni illum saret laqgħa, li ma kienx infurmat biha minn qabel, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv u Manager tar-Reġjun Lvant, is-Sindku tal-Kunsill Lokali Swieqi Noel Muscat, is-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Xbiex Max Zammit u s-sur Trevor Fenech li huwa l-ko-ordinatur dwar l-isports fir-Reġjun. L-għan tal-laqgħa kien biex tiġi diskussa proposta mressqa mill-Kunsill Lokali ta' Xbiex biex isir tournament tal-Futsal bil-parteċipazzjoni ta' tim barrani fejn ikun mistieda Luxol, Swieqi u ta' Xbiex. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li l-istima proviżorja hija ta' madwar €15K u qed irrakkomandat ukoll li jekk ma jkunx hemm sponsors, din għandha tinqasam bejn it-tlett Kunsilli involuti, li minnhom jitnaqqas il-vot allokat ta' €3K mir-Reġjun Lvant.

08.3.3 Wara diskussjoni li saret is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill japprova li l-Kunsill jaċċetta l-proposta ta' Pembroke Karate Club, dwar it-tnejn l-oħra diġa bbenefikaw u għalhekk it-talba tagħhom għandha tkun on hold u fl-istess ħin bil-fondi li jkun fadal, il-Kunsill ikun lest li joħroġ dan is-sehem għal dan it-tournament tal-futsal.

08.3.4 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3718/23/I** Email mingħand resident jistaqsi biex isiru xi miżuri fi Triq il-Mediterran biex jitwaqqaf l-abbuż li qed ikun fit-traffiku, per eżempju l-introduzzjoni ta' diversi sleeping police humps.

**46/3979/23/I** Ilment mingħand resident titlob li jsiru xi miżuri fi Triq il-Mediterran biex jitrażżan is-sewqan eċċessiv.

**46/4188/23/I** Diversi suġġerimenti mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon dwar Triq il-Mediterran.

08.3.6 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3718/23/I, 46/3979/23/I u 46/4188/23/I** fejn ippropona l-Kunsill ilaqqa` lir-residenti kollha ta' Triq il-Mediterran sabiex jigi diskuss is-suġġett u tittieħed deċiżjoni darba għal dejjem. Il-kelliem irrimarka ukoll li ser ikun meħtieġ li r-residenti jirreġistraw l-interess tagħhom f'każ li ma joġġezzjonawx l'issir quddiemhom bl-intiża ċara li minn tal-anqas ser ikun meħtieġ bejn 5 jew 6 speed bumps f'positjiet strateġiċi fit-triq imsemmija biex dawn ikunu effettivi fi triq li fiha madwar kilometru tul. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill iqabbad persuna li għandha għarfien fl-immaniġjar tat-traffilku biex ifassal proposta li wara titpoġġa quddiem ir-residenti, kif ukoll li għalissa isiru aktar tabelli tal-limitu tal-veloċita u marki mal-art li juru l-istess limitu.

08.3.7 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3834/23/I** Parir tal-Avukati tal-Kunsill bħala risposta għall-ittra mingħand l-avukat ta' sid il-vettura li ġarbet xi ħsarat.

**46/4019/23/I** Ittra bl-avukat dwar talba għall-kumpens dwar hsara fuq vettura.

08.3.9 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3834/23/I u 46/4019/23/I** fejn informa lill-Kunsill li jagħmel proposta għall-ħlas bi tnaqqis a bażi ta' wear and tear raġjonevoli u l-fatt li s-sewwieq kellu l-obbligu għall-proper lookout, u li kellu wkoll l-obbligu li jsuq fil-limiti preskritti bis-sinjali fit-traffiku li, jekk osservati, m'għandhomx jikkawżaw ħsarat kif mitluba.

08.3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-Kunsill diġa kien ħa pożizzjoni differenti fuq dan is-suġġett fil-laqgħa referenza Minuti 07/K8/2023 - 07.3.7, liema deċiżjoni kienet tirrelata fuq diversi talbiet, u għalhekk biex tinbidel hemm il-ħtieġa ta' riżoluzzjoni speċjali.

08.3.11 Fid-dawl ta' dan is-Sindku Dean Hili ippropona l'issir riżoluzzjoni speċjali fil-laqgħa li jmiss dwar dan il-każ.

08.3.12 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3819/23/I** Parir tal-Avukati tal-Kunsill dwar it-terminazzjoni ta' tender PLC/T/2022/05.

**46/4117/23/I** Stima mingħand il-Perit tal-Kunsill konness max-xogħol ta' patching li għad fadal pendenti jew li sar ħażin.

**46/4208/23/I** Email mingħand id-DGL jinfurmaw lill-Kunsill li Perm sec approvat it-talba tal-Kunsill li jiġi tterminat Tender PLC/T/2022/05.

**46/4288/23/I** Il-Kunsillier Raymond Lanzon joġġezzjona għall-proposta ta' xi ħlas lill-kuntrattur tal-patching.

**46/4376/23/I** Email mingħand id-DGL jinfurmaw lill-Kunsill li l-Ministru approva li l-Kunsill ikompli x-xogħol li ma tlestiex b'Tender PLC/T/2022/05, minn Infrasfruttura Malta.

08.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3819/23/I, 46/4117/23/I, 46/4208/23/I, 46/4288/23/I u 46/4376/23/I** fejn informa lill-Kunsill bil-laqgħa li saret fil-jiem li għaddew fil-preżenza tal-kuntrattur, tal-Perit tiegħu, tal-Perit tal-Kunsill kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Kunsillier Raymond Lanzon. Wara kummenti u diskussjoni li saret, il-kelliem ippropona li fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Raymond Lanzon, il-Kunsill ma japprova l-ebda pagament f'dan l-istadju issa li l-Kunsill diġa kiteb lill-Perit sabiex jikkjarifika l-kontijiet relatati. Il-kelliem ippropona wkoll li jsir komunikat uffiċjali ma' IM biex ix-xogħol isir mill-aktar fiss possibbli.

08.3.15 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3857/23/I** Email mingħand resident li joqgħod Blokk 2 Triq il-President Anton Buttiġieġ, jitlob li tiġi rranġata l-planter minħabba li qed tigrava.

08.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3857/23/I** fejn ippropona li dan ix-xogħol jiġi ordnat.

08.3.18 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3860/23/I** Email mingħand iċ-Ċentru tax-Xjenza jinfurmawna li l-animatriċi lesta ġġedded il-kuntratt għal sena oħra biex tmexxi l-Juniors Science Club.

**46/3904/23/I** Email mingħand iċ-Ċentru tax-Xjenza jistaqsu lill-Kunsill jekk il-Kunsill huwiex interessat li jorganizza l-Junior Science Club Pembroke 2023-2024.

**46/3905/23/I** Email mingħand iċ-Ċentru tax-Xjenza jitolbu laqgħa biex tiġi introdotta d-Direttur ġdid ta' STEM u l-programmi VET.

**46/4293/23/I** 23-4293-I - Animation Junior Science Club estenzjoni tal-kuntratt (Cardona Rosette)

**46/3957/23/I** Email mingħand il-Kap ta' Skola Sports jinforma lill-Kunsill li jkun lest li jikkunsidra t-talba għall-użu ta' Skola Sports, mhux qabel jitħallas il-kont pendenti.

**46/3976/23/I** Email mingħand iċ-Ċentru tax-Xjenza jinfurmaw lill-Kunsill li Skola Sports kienet talbithom ħlas biex ikun jista' isir użu mill-faċilitajiet tal-iskola.

08.3.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3860/23/I u 46/4293/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill iġedded il-kuntratt tal-animatriċi, għall-korrispondenza **46/3904/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkonferma mill-ġdid l-interess tiegħu li jerġa jinżamm dan il-kors, u għall-korrispondenza **46/3905/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` l-istedina u ssir laqgħa fil-jiem li ġejjien kif mitlub.

08.3.21 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3876/23/I** Email mingħand l-event co-ordinator b'lista ta' ġranet ta' meta tista' issir l-attivita' tas-Sajf

**46/3955/23/I** Stima għal-servizz ta' daqq, mużika u kant mill-grupp Kantera.

**46/3956/23/I** Lista ta' speċifikazzjonijiet neċessarja għas-sound għall-attivita' li ser issir fis-Sajf.

**46/4134/23/I** Kwotazzjoni mingħand Soundtech Malta għall-kiri ta' PA System.

**46/4268/23/I** Kwotazzjoni mingħand Audio System Malta għall-kiri ta' palk.

**46/4269/23/I** Kwotazzjoni mingħand Promo Signs għall-kiri ta' palk.

**46/4270/23/I** Kwotazzjoni mingħand A&S signs and Events għall-kiri ta' palk.

08.3.23 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3876/23/I** fejn ippropona li l-attivita' għandha issir nhar is-Sibt 26 ta' Awwissu mis-18:00 il-quddiem. Dwar l-istimi ta' PA System, kiri ta' palk, dwal, servizz ta' ambulanza, ect, il-kelliem ippropona li għandha tintgħażel l-irħas offerta għal kull servizz, wara li l-Kunsill jirċievi aktar offerti.

08.3.24 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

08.3.26 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa importanti li l-Kunsill jaħseb fl-immaniġjar tat-traffiku u l-possibilita' ta' park and ride.

**46/3906/23/I** Cir AKL 2023-045 – Dwar ftehim li sar LESA b'fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal għal servizzi tal-LESA, Pulizija jew CPD.

**46/3954/23/I** Email mingħand ir-Reġjun Lvant jitolbu lill-Kunsill jipprovdi:

- Lista ta' avvenimenti li jsiru mill-Kunsill Lokali u mill-għaqdiet volontarji fejn ikun hemm bżonn is-servizz ta' Gawardjani Lokali;
- Kemm il-Gwardjan Lokali jkun hemm bżonn matul dan l-avveniment; u
- L-ammont ta' siegħat li l-Kunsill ikollu bżonn għal dan is-servizz.

08.3.27 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3906/23/I u 46/3954/23/I** fejn ippropona li din l-informazzjoni tingħadda lir-Reġjun b'mod partikolari fil-kuntest tal-attivita' tal-Halloween, xogħol ieħor relatat mal-Halloween li jirrikjedi sorveljanza tal-forzi tal-ordni, u l-maratona organizzata ma' Pembroke Athleta Athletics and Triathlon. Il-kelliem żied ukoll l-attivita' li ser jagħmel il-Kunsill.

08.3.28 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk il-Kunsill huwiex ser jinkludi wkoll l-attivitajiet li jkollhom il-Knisja matul is-sena.

08.3.29 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3935/23/I** Talba mingħand residenta biex fiż-żona tal-hard landscaping li hemm bejn il-blokki ta' Sit A5 – A11, Triq Pietru Darmenia, isiru

tabelli li jindikaw li t-tfal m'għandhomx jitħallew jilgħabu u jagħmlu storbju.

**46/4098/23/I** Email mingħand is-Sindku dwar it-talba għat-tabella.

08.3.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3935/23/I u 46/4098/23/I** fejn ippropona li anke wara diskussjoni li kellu ma' residenti oħrajn fl-akwata, isiru tabelli fejn jiġi ndikat b'mod ċar li l-landscaping huwa parti pedonali minn akwata residenzjali, aktar milli żona għall-logħob. Il-kelliem irrimarka li filwaqt li wieħed jista` japprezza u jifhem li ser ikun hemm tfal jilgħabu fl-akwata u ċertament m'huwiex skoraġġit li dan iseħħ fil-kuntest ta' żona sigura għat-tfal tal-akwata, fl-istess waqt jeħtieġ li jiġu rispettati residenti oħrajn u jinżamm minimu ta' rispett lejn il-kwiet u l-privatezza tagħhom fid-djarhom.

08.3.32 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3258/23/I** Stima mingħand E&L Enterprises Ltd. għall-provvista u l-installazzjoni ta' railing quddiem l-uffiċċju amministrattiv.

**46/3953/23/I** Stima mingħand Pajka Blacksmith għall-manifattura u l-installazzjoni ta' railing għal quddiem l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

**46/4126/23/I** Stima mingħand Ferrino Iron Works għall-manifattura u l-installazzjoni ta' railing għal quddiem l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

08.3.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 07/K8/2023 item 07.3.28 u għall-korrispondenza **46/3258/23/I, 46/3953/23/I u 46/4126/23/I** fejn ippropona li tiġi kkonferma l-ordni lill-irħas offerent.

08.3.35 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4081/23/I** Suġġeriment mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon jirrakkomanda l'issir quddiesa f'Jum Pembroke u wara jkun hemm xi refreshments.

08.3.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4081/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` dan is-suġġeriment in vista tal-fatt li mhuwiex ser ikun hemm attivita` akbar b'rabta ma' Jum il-Lokal sabiex ninvestu aktar ħin f'attivita` akbar fis-Sajf, kif diġa ġie maqbul. Il-kelliem ippropona li għandhom jiġu mistiedna ukoll Pembroke Scouts.

08.3.38 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill x'tip ta' refreshments ser isiru u min ser jagħmilhom.

08.3.39 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4103/23/I**
**46/4177/23/I** Stima mingħand l-NGO Żibel biex issir clean up fil-baħar ta' quddiem Pembroke.

08.3.41 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 05/K8/2023 item 05.3.60 u għall-korrispondenza **46/4103/23/I u 46/4177/23/I** fejn ippropona li minflok

dak li kien ġie propost, l-attivita' għandha tkun fil-format ta' Clean up taħt wiċċ il-baħar, xi ħaġa li qatt ma saret qabel fil-lokal, u għalhekk tiġi aċċettata l-istima tal-NGO Żibel u ratifikata l-approvazzjoni li tiġi sottomessa bħala l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi konċernata. Il-kelliem ippropona wkoll li l-attivita' għandha tinżamm nhar il-Ħamis 7 ta' Settembru 2023.

08.3.42 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4127/23/I** Il-librar tal-Kunsill, wara komunikat mas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, jirrakkomanda li jinxtara air purifier għall-librerija.

08.3.44 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4127/23/I** fejn ippropona li dan is-suġġeriment jiġi milqugħ u jinġabru l-istimi neċessarji.

08.3.45 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4159/23/I** Stima mingħand Andrew Vassallo Ltd. għall-provvista u l-installazzjoni ta' Flagpoles tal-fibre.

08.3.47 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4159/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jordna dan ix-xogħol bħala direct order peress li jirriżulta li hija l-unika entita' li tipprovdi arbli simili, kif ukoll li jutilizza l-kuntratti li għandu viġenti sabiex jitneħħew li hemm, jiġi rranġat il-platform tagħhom u l-madwar. Il-kelliem ippropona li għandu jkun hemm 4 arbli li fuqhom ikun hemm il-bnadar ta' Malta, EU u Pembroke, bir-raba arblu jkun vojt u jintuża skond il-bżonn.

08.3.48 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4197/23/I** Cir mingħand l-AKL 2023/053 – Dwar Clean up mibgħuta mingħand il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża.

08.3.50 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4197/23/I** fejn ippropona li tintbgħat email lill-iskejjel tal-lokal fejn jintalab ir-rispons tagħhom dwar jekk humiex interessata li jipparteċipaw. Il-kelliem żied ukoll li jaf ikun hemm il-possibilita' li jiġu mistiedna ukoll NGO's oħra kif ukoll ir-residenti.

08.3.51 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4202/23/I**
**46/4362/23/I** Grupp ta' dilettanti MEERCMS ta' 4WD li jaħdmu bir-remot econtrol, jitolbu l-permess biex jorganizzaw attivita' fil-lokal fiż-żona tal-White Rocks jew fil-picnic area.

08.3.53 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4202/23/I u 46/4362/23I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jħossx li l-picnic area għandha tkun okkupata ghal 10 siegħat sħaħ fix-xhur indikata u għalhekk l-organizzatur għandu jiġi mitlub jikkunsidra x-xhur tas-Sajf jew li tkun f'perjodu anqas ta' ħin u li tkun tkopri parti biss miż-żona u mhux is-sit kollu.

08.3.54 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.55 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4261/23/I** Email mingħand offerent jilmenta li ma ġiex infurmat bir-riżultat tat-tender 2023/02 - Services of Bulky refuse and WEEE.

08.3.56 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4261/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jistenna l-eżitu tal-informazzjoni mitluba mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti li għandhom aċċess għal kif taħdem is-sistema tal-etendres, peress li jidher li dan seta` kien kaġun ta' *fault* fis-sistema online.

08.3.57 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.58 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4267/23/I** Artwork propost mingħand Golden Gate Co Ltd.

**46/3372/23/I** Kwotazzjoni riveduta mingħand Golden Gate Co Ltd għal letterheads u envelopes.

08.3.59 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3372/23/I u 46/4267/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jordna x-xogħol meħtieġ.

08.3.60 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.61 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4279/23/I** Email mingħand il-Foundation for Information and Technology Accessibility (FITA) jirrakkomandaw kollaborazzjoni mal-Kunsill biex isiru korsijiet mingħajr ħlas dwar l-użu tat-teknoloġija lill-persuni 59+.

08.3.62 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4279/23/I** fejn talab il-kummenti tal-Kunsillier Raymond Lanzon.

08.3.63 Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill iressaq il-proposta mal-AACC u wara jiġi deċiż jekk jiġix provdut dan il-kors jew le.

08.3.64 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.65 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4284/23/I** Email mingħand il-Moviment Graffitti jistaqsu jekk il-Kunsill huwiex ser ikun parteċipi fit-talba biex terġa' issir kawża kontra l-proġett ta' db Group.

08.3.66 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4284/23/I** fejn talab li l-Kunsill jiddiskuti s-suġġet in kwistjoni.

08.3.67 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg staqsa lis-Sindku Dean Hili x'possibilita' hemm li l-operaturi jfittxu għad-danni lil min qed jerġa' jiftaħ il-kawża, u jekk ikun hemm tali proċeduri, jekk ikun il-każ, jinfetħu kontra l-Kunsill jew jistgħu jinfetħu ukoll fuq il-persuni personalment li jġorru l-kariga ta' Sindku Segretarju Eżekuttiv.

08.3.68 Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Moviment Graffitti li l-Kunsill mhux jeskludi l-parteċipazzjoni tiegħu iżda mhux qabel jingħata kopja tad-dokument li ser ikun qed jiġi preżentat, u aktar informazzjoni legali li tkun qed issostni l-kawża li qed tiġi proposta.

08.3.69 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.70 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4287/23/I** Email mingħand Il-Kunsillier Raymond Lanzon jistaqsi dwar il-laqgħa li kellha ssir dwar il-Berġa fil-lokal.

08.3.71 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4287/23/I** fejn informa lill-Kunsill li ser tintbgħat proposta b'data mill-ġdid u l-Kunsill qed jistenna konferma dwar l-istess.

**46/4300/23/I** Email dwar il-possibilita' li jiġu nstallata fil-lokal vending machines bl-ikel tal-klieb u l-qtates.

08.3.72 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4300/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob aktar informazzjoni dwar it-talba tagħha.

08.3.73 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.74 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4305/23/I** Leġislazzjoni dwar Caravans u campers.

08.3.75 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4305/23/I** fejn talab lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg biex jagħti aktar informazzjoni.

08.3.76 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li waqt laqgħa li saret aktar kmieni illum, il-Kunsill ġie infurmat li mhux ser ikun hemm distinzjoni bejn caravans (li jinġibdu wara vettura) u campers/motor homes. Id-deċiżjoni jekk fil-lokal ikunx hemm post fejn jistgħu jifqu dawn il-vetturi, hija d-deċiżjoni tal-Kunsill u għalhekk ġie rrakkomandat l'issir policy biex jiġi rregolat l-operat. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-applikant ser ikun mitlub ħlas ta' €5.00 għal kull ġurnata u kull applikazzjoni ma tistax tkun t'aktar minn tlett ijiem konsekuttivi, għalkemm jista' jerġa' japplika f'appllikazzjoni separata għall-perjodi suċċessivi. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li ser ikun hemm multi ħorox li jvarjaw bejn €100.00 u €500.00 kif ukoll multa ta' €50 għal kull ġurnata f'każ li jkun ripetut il-ksur fil-liġi.

08.3.77 Wara li saret diskussjoni, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill għandu jaddotta policy b'effett immedjat li f'Pembroke imkien ma ser ikun permess li jitħallew caravans u/jew campers/motorhomes, sakemm ma jkunux fil-viċinanza tal-propjeta' privata tas-sidien skond kif tippermetti l-liġi.

08.3.78 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.79 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4107/23/I** Email mingħand l-Awtorita' tad-Djar dwar Skema 2 - Manutenzjoni tal-Komun fil-binjiet tal-Gvern – 2023.

08.3.80 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4107/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibgħat din l-informazzjoni lir-residenti fil-binjiet ikkonċernati għall-attenzjoni tagħhom. Il-kelliem ippropona li jekk ikun hemm rispons, din terġa' tiġi quddiem il-Kunsill.

08.3.81 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.82 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3386/23/I** Email mingħand is-Segretarjat Parlamentari dwar bi programm ta' attivitajiet marbuta mat-30 sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex, fosthom open day fil-Kunsilli Lokali nhar l-14 t'Ottubru 2023.

08.3.83 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3386/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-attivita' billi issir wirja fil-Kunsill u jintalab il-parteċipazzjoni ta' xi NGO's u riċerkaturi fil-lokal.

08.3.84 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.85 Il-Kunsill qabel unanimament.

**08.3.86** ***Fis-17:40, Il-Kunsillier Raymond Lanzon talab li jiġi skużat u ħalla l-kamra.***

**46/4372/23/I** Email mingħand TM dwar il-postijiet proposta għall-parkeġġ ta' E-Scooters kif ukoll kummenti għala postijiet oħra ma ġewx milqugħa.

08.3.87 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4372/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jara li jagħti l-informazzjoni mitluba u jitlob kjarika għala s-siti l-oħra ma ġewx approvata, minħabba li l-Kunsill ma jaqbilx mar-raġunijiet li nġiebu.

08.3.88 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.89 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4381/23/I** Stima mingħand Studioseven biex jinbidel id-dawl tal-funtana li jinsab bil-ħsara.

08.3.90 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4381/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob aktar informazzjoni u x'possibilita' hemm li jkun hemm alternattivi għall-apparat li diġa hemm installat.

08.3.91 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.92 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4378/23/I** Stima mingħand Andrew Vassallo għall-provvista u l-installazzjoni ta' sellum tal-ħadid (inkluż safety) biex ikun hemm aċċess għal fuq il-bejt tal-Kunsill.

08.3.93 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4378/23/I** fejn ippropona li jinġiebu aktar kwotazzjonijiet.

08.3.94 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.95 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4384/23/I** Stima mingħand Mica Med Ltd biex tinbidel u isir mill-ġdid is-sistema tad-dawl tal-landscaping area ta' Sit F.

08.3.96 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4384/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-istima proposta u l-għoli tal-arbli, idejalment ma jkunx t'aktar minn dawn li hemm fuq il-post. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill huwa konxju li l-istima taf tkun ħafna aktar minn dak indikat, suġġett għat-tulijiet tal-cable li ser jintuża.

08.3.97 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

08.3.98 Il-Kunsill qabel unanimament.

08.3.99 Is-Sindku Dean Hili ta lill-membri rendikont tal-laqgħa li saret ma' Project Green fejn jakkumpanjah kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem irrimarka li Project Green informat lill-Kunsill li l-unika kriterju li l-proġett li ppropona l-Kunsill kien mankanti minnu huwa l-fattur li l-aġenzija

xtaqet li dawn il-proġetti jsiru fiċ-ċentru tal-lokalitajiet, jew minn akwati li jintużaw minn persuni fejn jippassiġġaw u jkunu aċċessibbli minn numru kbir ta' persuni. L-istess aġenzija wriet interess li tikkollabora mal-Kunsill sabiex isir titjib fil-picnic area b'dan illi l-kelliem irrimarka li l-Kunsill m'għandux interess iżid passaġġi u hard landscaping f'akwata li dejjem sar sforz sabiex tiġi ppreservata bħala waħda kompletament naturali. Il-kelliem żied jinforma lill-Kunsill li minflok ġiet diskussa l-idea li ż-żona mwittija fi Triq l-Imħallef William Harding tiġi konvertita f'masġar billi titneħħa l-art tal-konkos eżistenti, tiġi ndtrodotta l-ħamrija, jiġu fformati passaġġi bil-*beaten earth* u allura mingħajr konkos, u jiġu ntrodotti numru ta' siġar.

08.3.100 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.101 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

08.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 08.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

08.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 07/2023** - Lista ta' Kwotazzjonijiet għal railing tal-ħadid **(Ara Dok 1)**
- **Internal Memo 08/2023** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 07/K8/23 u 08/K8/23 **(Ara Dok 2)**

08.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 08/2023** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

08.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

08.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 3, 4, 5, 6 u 7)**

08.6.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

08.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08.7 Mozzjonijiet.

08.7.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 08.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

08.8.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-6:00pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 20 ta' Lulju 2023 fis-1:30pm.

**Konfermati, illum 20 ta' Lulju, 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 07/2023** **13 ta' Ġunju 2023**

# Kwotazzjonijiet għal-railing tal-ħadid

| Dettalji tal-kumpanija | |
|---|---|
| **E&L Enterprises Ltd.**<br>e.camilleri@eandlenterprises.com | Option A – €7,980.00 + Vat<br>Option B – €8,890.00 + Vat |
| **Mario Darmanin**<br>darmaninmario10@gmail.com | €9,500 inc Vat |
| **Ferrino Iron Works Ltd**<br>ferrinoironworks@hotmail.com | €9,880.00 + vat |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 08/2023** **22 ta' Ġunju 2023**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 07/K8/23 u 08/K8/23

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 90 | 2023 | DOI | Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. |
| 91 | 2023 | B. Grima and Sons | Isiru tabelli fejn tindika li hemm is-sistema ta' CCTV Triq Camillo Sceberras, Pembroke. |
| 93 | 2023 | J&K Contractors | Tigi irrangata l-kurduna tal-bankina Triq il-Mediterran, Pembroke. |
| 97 | 2023 | B. Grima and Sons | Tlabna isiru żewġ tabelli ta' one way fit-Triq Martin Luther King. |
| 98 | 2023 | Kantera | Tlabna jipprovu spettaklu ta' 2hrs fis-26 ta' Awwissu ġewwa ġnien Pembroke. |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg